**22 ta' Ġunju, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

*Il-Pulizija*

*versus*

Joseph Galea, L.P.

**Dranaġġ — Sid — Kerrejja — *Tenement* — Art. 104, Kap. 13.**

Il-Qorti, rat l-imputazzjoni miġjuba kontra 'l fuq imsemmi Prokuratur Legali Joseph Galea, bħala sid il-kerrejja f'St. Michael's Street, No. 14c il-Belt, talli naqas li jżomm il-katusi tad-drenaġġ fi stat tajjeb ta' tiswija, — billi d-drenaġġ hu miżdud;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta *tas-sbatax (17) ta' April 1963, li biha ġie misjub ħati,* u kkundannat għall-piena tal-ammonizzjoni u r-riprensjoni, u ġie *prefiss lilu t-terminu ta' tliet (3) ijiem* biex jikkonforma ruħu mal-liġi taħt penali ta' tmintax irbiegħi (2s.6d.) kuljum;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella kontra *din is-sen-*

tenza, u talab li hu jiġi dikjarat mhux ħati, prevja r-revoka ta' l-istess sentenza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Fl-art. 104 tal-Kap. 13 Ediz. Riv., il-liġi tibda biex tqiegħed għak-kariku tas-sid l-obbligu li jżomm fi stat tajjeb ta' tiswija, **inter alia**, il-katusi tad-W.C. — Iżda, fis-subartikolu no. (3) ta' dak l-istess artikolu, il-liġi f'każ **inter alia**, ta' otturament tal-katusi tad-drenaġġ, tixħet l-obbligu tat-tindif u ftuħ tagħhom fuq **id-detentur**, peress li għandu jiġi in linea ta' massima preżunt li kien id-detentur li, b'użu traskurat, ġieb dak **l-otturament.** Imma, imbagħad l-istess liġi tgħaddi biex tenumera **tliet** każijiet li fiha l-obbligu tat-tindif u ftuħ ta' kommunikazzjoni tad-drenaġġ jiġi restitwit lis-sid u riimpost fuqu, ċioè, (1) ita l-otturament kien jippresisti għal inizzju tad-detenzjoni, jew (2) mita dak l-otturament kien il-konsegwenza ta' xi difett fil-kostruzzjoni tad-drenaġġ, jew, fit-tielet lok, (3) mita l-kanali jkunu komuni għal aktar minn fond wieħed.

Il-Prosekuzzjoni — li qegħda ssostni li l-obbligu tat-tindif u tal-ftuħ tal-kommunikazzjoni lurida tinkombi f'dan il-każ fuq is-sid, ċioè fuq l-appellant, ma hijiex qegħda tinvoka la l-ewwel u lanqas it-tieni eċċezzjoni fost it-tlieta fuq imsemmijin, iżda qegħda tistrih fuq it-**tielet** waħda — **illi, ċioè, il-kanali huma komuni għal aktar minn fond wieħed.** Id-difiża, invece, tissottomettti — u appuntu din is-sottomissjoni tifforma l-bażi tal-appell tal-imputat li dik it-**tielet** eċċezzjoni, li fuqha qegħda, kif ingħad, tistrieh il-Prosekuzzjoni, ma hijiex applikabili, għaliex ma hux il-każ ta' kanali komuni għal aktar minn fond wieħed, ima l-kerrejja de qua għandha titqies bħala **fond wieħed,** u bħala tali għandha l-kommunikaz-

zjoni tad-drenaġġ għaliha, ċioè **mhux komuni ma' xi fond ieħor;**

Ikkunsidrat fuq din il-kwistjoni,

L-Imħallef sedenti, wara li rrifletta a lungo fuq dan il-pont, jidhirlu li t-tesi defensjonali ma tistax tiġi akkolta għal dawn ir-raġunijiet —

(9) din il-Qorti kellha diġà okkażjoni tikkommenta in meritu għal din it-tielet eċċezzjoni fis-sentenza tagħha (Imħ. sedenti) in Il-Pul. vs. Portelli, 4 Settembru 1962, fejn qalet dan —

> "Il-każ preżenti jaqa' taħt it-tielet eċċezzjoni **għax il-fond hu kerrejja,** u, f'każ simili, il-liġi ma tippreskrivix aktar il-proċedura kontra l-okkupant, għaliex allura jkun diffiċili li wieħed jaċċerta minn fost l-okkupanti jkun ikkaġuna l-otturament, mentri din hi materja ta' saħħa pubblika, li ma tammettiex temporaġġamenti".

Kien, għalhekk, floku l-argument li l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata bbażata ir-**ratio legis** fuq li stregwa tas-sentenza fuq ċitata, fil-waqt li kkunsidrat (kif esprimiet ruħha) li aktar minn inkwilin wieħed tad-diversi partijiet tal-fabbrikat kellu l-kommunikazzjoni tad-W.C. tal-parti minnu okkupata **mal-istess kanali;**

(b) hu wkoll rilevanti li jiġi notat li l-kliem tat-test ingliż (li skond il-karta kostituzzjonali hu t-test prevalenti għall-finijiet tal-interpretazzjoni) huma dawn "or that the drains are common **to more than one tenement",** — Issa jekk il-parti tal-kerrejja okkupata minn kull inkwilin tal-kerrejja titqies "tenement", u l-kerrejja hi indikata b'xi nomenklatura oħra, allura din tkun indubbjament prova, li l-kanali huma komuni

għal aktar minn tenement wieħed, u li għalhekk qegħdin fil-kamp tat-tielet eċċezzjoni, li tirriversa d-dizotturnament tal-katusi fuq is-sid. U appuntu hekk hu, għaliex il-liġi, fit-test ingliż tal-Kap. 13, issejjaħ il-kerrejja bl-isem ta' "common-tenement house" (passim, ex. gr. art. 98) — liema nomenklatura turi li l-parti abitata hija t-"tenement", mentri l-**fabbrikat intir** huwa l-"house", u appuntu d-drenaġġ hu komuni, fil-fattispeċje, għad-diversi **tenements** ta' dik il-**house.** (ara xh. Spett. Sanit. Caruana), b'mod li tinkwadra ruħha *appuntu t-tielet ipotesi ta' kanali* ***common to more than one*** **tenement;**

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti tapprezza d-diffikoltà speċjali li, f'dan il-każ, qiegħed fiha l-appellant, peress il eċċezzjonalment, u għal xi raġuni tant strana, kemm barbara u inkapibili, l-otturament qiegħed isir **apposta,** kif seta' jiġi konstatat sew minn ħaddiema, li ġà rriparaw id-drains f'okkażjoni preċedenti, kemm ukoll mill-istess spettur sanitarju, — dawk tal-ewwel, nientemeno, sabu xedaq ta' mogħża fil-katusi, u l-ieħor sab ġebel ippakkjati ġewwa ċraret. Iżda, sfortunatament, sakemm il-Pulizija jirnexxilha tiskopri min hu l-kerrej li qiegħed tant perversament jikkaġuna dan l-inkonvenjent u din l-ispiża. hu biss il-każ li jingħad **durum sed lex.** Hu separabili li l-Pulizija tintensifika l-indaġini tagħha, u l-Qorti tirrakkomanda li l-*Prosekuzzjoni tinteressa ruħha li ssir din il-maġġorazzjoni* ta' li sforzi tal-forza pubblika, sabiex l-appellant jista' jesperixxi fil-forma debita d-drittijiet tiegħu ta' rivalsa kontra l-eventwali l-awtur materjali tal-otturament. Sadattant, il-Qorti ma tistax ħlief tapprova il-mitigazzjoni tal-piena li ġà għamlet għall-istess raġuni l-ewwel Qorti, u żżid il-provvediment **infra;**

Għall-*motivi fuq* ***indikati;***

Din il-Qorti tiddeċiedi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. It-termnu jibda jgħaddi mill-lum, — jekk ir-riparazzjoni ma saritx ġà b'effett tal-provvediment fol. 6 tal-inkartament. U, wara li rat id-dispost tal-art. 8 (b) Kap. 118, tordna li din il-kundanna ma tiġix reġistrata fil-fedina penali tal-appellant.